

22001D0053

14.6.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 158/71

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 53/2001

tat-30 ta' Marzu 2001

## li temenda l-Anness XXI (Statistika) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI għall-Ftehim taż-ŻEE ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 24/2001 tat-23 ta' Frar 2001 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1225/1999 tas-27 ta' Mejju 1999 dwar id-definizzjonijiet ta' karatteristiċi għal statistiċi ta' servizzi ta' assigurazzjoni <sup>(2)</sup> għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim,
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1227/1999 tat-28 ta' Mejju 1999 dwar il-format tekniku għat-trażmissjoni ta' statistiċi ta' servizzi ta' l-assigurazzjoni <sup>(3)</sup> għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim,
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1228/1999 tat-28 ta' Mejju 1999 dwar serje ta' data li għandha tiġi prodotta għal statistiċi ta' servizzi ta' assigurazzjoni <sup>(4)</sup> għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 1d (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1618/1999 ta' l-Anness XXI għall-Ftehim:

- “1e. **399 R 1225:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1225/1999 tas-27 ta' Mejju 1999 dwar id-definizzjoni tal-karatteristiċi għall-istatistiċi ta' servizzi ta' assigurazzjoni (ĠU L 154, tad-19.6.1999, p. 1).
- 1f. **399 R 1227:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1227/1999 tat-28 ta' Mejju 1999 dwar il-format tekniku għat-trażmissjoni ta' l-istatistiċi ta' servizzi ta' assigurazzjoni (ĠU L 154, tad-19.6.1999, p. 75).
- 1g. **399 R 1228:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1228/1999 tat-28 ta' Mejju 1999 dwar is-serje ta' data li għandha tiġi prodotta għall-istatistiċi ta' servizzi ta' assigurazzjoni (ĠU L 154, tad-19.6.1999, p. 91).”

<sup>(1)</sup> ĠU L 117, tas-26.4.2001, p. 33.

<sup>(2)</sup> ĠU L 154, tad-19.6.1999, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 154, tad-19.6.1999, p. 75.

<sup>(4)</sup> ĠU L 154, tad-19.6.1999, p. 91.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1225/1999, 1227/1999 u 1228/1999 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-31 ta' Marzu 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, 30 ta' Marzu 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

---

(\*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.